**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 93/2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**-Vs-**

**GEORGE ABELA**

**Illum, 15 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **GEORGE ABELA**, ta' 40 sena, iben Paul u Bernarda nee' Seychell, imwieled il-Pieta' nhar il-25 ta' Novembru 1981, residenti gewwa 1, Triq it-Trinċetta, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 064681M, li tressaq quddiemha akkużat talli nhar l-24 ta' Frar 2022 u għall-ħabta tal-ħinijet ta' bejn id-21:00hrs u l-22:45hrs ġewwa 1, Triq it-Trinċetta, Mosta u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-mara tiegħu Josephine Abela f'periklu car, volontarjament ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta'natura gravi fuq martu **Josephine Abela,** hekk kif iċċertifikat minn Dr. Denise Said (Med. Reg. 4764)

2. Hebb kontra l-mara tiegħu u cioe' **Josephine Abela** sabiex jinġurja, iddejjaq jew jagħmel ħsara, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-kodiċi

3. Għamel inġurji jew tħeddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lill-mara tiegħu, u cioe' Josephine Abela jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti ġentilment mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni. Inkluza fil-mori tal-kawża kontra George Abela a benefiċju ta' Josephine Abela u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll f' każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Josephine Abela jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil George Abela billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lil George Abela b' obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il- Qorti gentilment mitluba f 'kaz ta' ħtija , minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi George Abela sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jew ikun l-każ hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta’ Marzu 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
2. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
3. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
5. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-20 ta’ Marzu 2023 jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fl-udjenza tal-24 ta’ Jannar 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-każ huwa wieħed ta’ vjolenza domestika kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-akkużi kollha huma marbuta ma’ inċident li seħħ

fl-24 ta' Frar 2022 fejn l-imputat allegatament sawwat lil martu, Josephine Abela u kkaġonalha offiżi ta' natura gravi, dan kollu fil-presenza tat-tifel minuri tal-koppja.

Fl-isfond tal-każ insibu koppja miżżewġa b'tifel ta' seba' snin, għaddejja minn mumenti diffiċli fejn għall-aħħar ftit żmien kienu tbiegħdu minn xulxin u kien hemm ukoll diffikoltajiet fir-relazzjonijiet intimi, anke biex jiġi konċepit tarbija oħra. Il-parti offiża, Josephine Abela, iddeċidiet li tniedi l-proċess ta' separazzjoni personali, bl-imputat jallega infedelta' da parti tagħha. Mit-testimonjanza tax-xhieda li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni jirriżulta illi l-koppja u binhom kienu jgħixu fid-dar tal-ġenituri tal-parti offiża, ġewwa 1, Triq it-Trinċetta, Mosta u xi ġimagħtejn qabel l-inċident li seħħ fl-24 ta' Frar 2022, l-imputat kien irċieva korrispondenza mingħand l-avukat ta' Josephine Abela dwar is-seperazzjoni.

**Josephine Abela**, il-parti offiża, xehdet illi fl-24 ta' Frar 2022 għall-ħabta tal-10.00 p.m. hija kienet rieqda fis-sodda ħdejn it-tifel meta bdiet tisma' ħoss ta' ħġieġ jinkiser u meta ħarġet mill-kamra u niżlet isfel, tara lill-imputat jitfa' affarijiet fl-art u jkisser. Għalkemm bdiet tgħidlu biex jieqaf ma tahx kasha u baqa' jkisser u mbagħad tela' fuq u qajjem lit-tifel li kien rieqed fis-sodda. L-imputat beda jistaqsi lit-tifel biex jgħidlu fejn qiegħda tmur ommu u ħarġu mis-sodda, iżda t-tifel ma bediex jitkellem. Josephine Abela bdiet tgħidlu biex iħalli lit-tifel għax kien qed jaħsdu. Xehdet illi f'daqqa u l-ħin "*imbuttani għal fuq, kellna sufan u mbottani għal fuqu, qabad wire bi plakka u beda jagħti bl-addoċċ ġo rasi, ġo wiċċi u kullimkien.*" F'ħin minnhom waqgħet minn fuq is-sufan u l-imputat kompla jsawwatha bl-addoċċ u weġġagħha u xehdet ukoll li "*t-tifel kien qed jitriegħed bil-biża*"'. Dak il-ħin ma kienetx taf l-imputat minn fejn ġab il-wajer u l-plakka li sawwatha bihom. Kif irnexxielha tqum minn mal-art, hija ċemplet lill-Pulizija u l-imputat baqa' fuq mat-tifel sakemm waslu fuq il-post, f'liema waqt huwa pprova joħroġ mid-dar bit-tifel, iżda ġie mwaqqaf mill-Pulizija. Josephine Abela ċaħdet li kellha relazzjoni adultera ma' irġiel oħrajn u li kienet tiltaqa' ma' ċertu Adrian Bezzina u Anglu Scerri, għalkemm stqarret li tassew ma kienetx sodisfatta bir-relazzjoni sesswali ma' żewġha dak iż-żmien.

**Michael Bugeja**, missier il-parti offiża, xehed illi meta l-imputat daħal id-dar dakinhar tal-inċident, kien bil-lejl u hu kien qed jara t-television isfel. L-imputat qabad jiftaħ il-fridge u beda jixħet kull ma kien hemm ġo fih mal-art fejn saqajh, ikisser u jfarrak vażetti li kien hemm fil-fridge. Imbagħad rah jaqla' bis-saħħa l-plakka tal-fridge minn mal-ħajt u tela' bih fuq, u wara ftit beda jisma' storbju u lill-imputat u lil Josephine jgħajtu minn fuq u sema' wkoll twerżiq. Wara xi għaxar minuti jara lill-imputat nieżel it-taraġ bit-tifel f'idu biex jitlaq 'il barra bih, iżda ġiet il-mara tiegħu minn fuq u waqfitu milli joħroġ mid-dar bit-tifel. Meta niżlet Josephine minn fuq, kienet qed tgħajjat bl-uġigħ u kienet tidher muġugħa u l-għada ra li kellha *black eye*.

**Maryrose Bugeja**, omm il-parti offiża, ikkonfermat dan kollu u xehdet illi dakinhar tal-inċident, hija ħarġet mill-kamra tas-sodda meta semgħet ċekċik ta' ħġieġ u rat lill-imputat ikisser l-affarijiet li kien fil-fridge billi jixħtihom mal-art maġenb saqajn żewġha li kien qed jara t-television. Ftit minuti wara semgħet lil bintha tgħajjat u twerżaq u meta niżlet qaltilha li l-imputat kien taha daqqa ta' wajer u l-għada ratilha għajn minnhom baqgħet magħluqa.

**PS 2145 Graziella Camilleri** xehdet li meta daħal ir-rapport fl-24 ta' Frar 2022 għall-ħabta tal-10.30 p.m. hija marret fl-indirizz 1, Triq it-Trinċetta, Mosta u meta waslet, kien hemm Josephine Abela qed tistenniha fil-parapett, filwaqt li ġewwa r-residenza kien hemm kommossjoni u rat żewġ persuni anzjani u tifel ta' madwar seba' snin li kien qiegħed f'idejn George Abela. Innotat li l-imputat kien jidher eċitat ħafna u emozzjonat u beda jgħid li kien hemm problemi matrimonjali u adulterju, iżda fl-ebda mument ma kien aggressiv. Rat ukoll xi platt imkisser fl-art u nnotat li Josephine Abela kellha xi nefħiet f'wiċċha u f'moħħha fil-parti ta' ħdejn widnejha, fejn qaltlilha li l-aggressjoni kienet saret bl-użu ta' plakka jew *extension*. Hemmhekk hija nnotat il-plakka bil-wajer tad-dawl maqlugħ fil-bidu tat-taraġ li hemm maġenb il-kċina.

Dan il-wajer kien inġabar minn PC 2430 Neil Farrugia li akkumpanja lil PC 2145 fir-residenza fejn kien seħħ l-inċident fl-24 ta' Frar 2022. Huwa ddeskrivih bħala wajer abjad bi plakka u kkonferma li dan kien fit-taraġ fir-residenza.

**George Abela, l-imputat**, fl-istqarrija li ġiet rilaxxata minnu waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fil-25 ta' Frar 2022, fejn kien assistit mill-avukat tal-għażla tiegħu, stqarr li madwar tliet ġimgħat qabel l-inċident, kien irċieva ittra mingħand l-avukat tal-mara tiegħu biex tissepara. Sostna li martu riedet tissepara għaliex qiegħda ma' ħaddieħor u fuq il-profil tagħha fuq Facebook, huwa kien ra messaġġi mingħand irġiel oħrajn, filwaqt li t-tifel ukoll kien qallu li xi ħadd kien jiġi d-dar biex jitlaqa' ma' ommu. Madanakollu, hu qatt ma kkonfrontaha dwar dan. Stqarr ukoll li hu jaħdem ħafna u dejjem xogħol u l-mara kienet tgerger, iżda riċentement kienet bdiet toħroġ għal rasha u bdiet tmur ukoll il-gym u l-ħin kollu tilgħab bil-mobile. Hu kien ħadha bi kbira li riedet tissepara.

L-imputat waqt l-interrogazzjoni ma wieġeb għal ebda domanda relatata mal-inċident tal-24 ta' Frar 2022 fejn allegatament sawwat lil martu kif del resto kellu kull jedd li jagħmel.

Ikkunsidrat;

Illi mill-ġabra tal-provi l-Qorti ma għandha ebda dubju kwalsiasi li fl-24 ta' Frar 2022 l-imputat sawwat lil martu b'wajer bi plakka mqabbad miegħu u li kkaġunalha l-offiżi li ġew riskontrati minn Dr. Denise Said kif ukoll minn PC 2145 u PC 2160 u li jidhru fir-ritratti Dok. SB8 sa Dok. SB12. Il-platt imkisser mal-art u l-plakka bil-wajer li ġiet innotata minn PC 2145 mitfugħa fit-taraġ ġewwa r-residenza, huma konsistenti mal-verżjoni ta' Josephine Abela: dan il-wajer bil-plakka ġie elevat minn fuq il-post minn PC 2430 Neil Farrugia u ġie esebit materjalment mill-Ispettur Sherona Buhagiar.

Hi sodisfatta wkoll illi l-imputat meta aggredixxa lil martu, ma kienx ġie provokat bl-ebda mod u lanqas taqbel mal-argoment tal-abbli difensur tal-imputat waqt it-

trattazzjoni finali, li fiċ-ċirkostanzi jsibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 227(ċ) tal-Kap. 9 għaliex, allegatament, l-imputat ma kienx jaf x'qed jagħmel.

L-artikolu 227(ċ) tal-Kap. 9 jiddisponi illi l-omiċidju volontarju u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230 tal-Kap. 9 ukoll l-offiża volontarja, hu skużabbli meta jsir-

"... *minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;*

*Sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."*

Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni, Josephine Abela f'ebda waqt matul id-depożizzjoni tagħha qalet li l-imputat ma kienx jaf x'qed jagħmel. Hi xehdet:-

"*... u mbagħad qalli fejn hu t-tifel, għidtlu rieqed hux, tela' jiġri fuq qabli, mar iqajjmu, ħeqq meta qajjem it-tifel, kif naqbad ngħidlek, qas kien jaf qisu x'laqqtu, beda jgħidlu 'igħidli l-mummy fejn qiegħda tmur u t-tifel ma bediex jitkellem...*"

Għall-Qorti hu evidenti li r-riferenza li saret għal xi ħadd li ma kienx jaf x'laqtu, kienet riferenza għat-tifel tal-partijiet ta' seba' snin li kien rieqed u nħasad meta missieru qajmu biex jistaqsih fejn tmur ommu, u żgur mhux riferenza għall-imputat. Fil-fatt, il-fatti li joħorġu mit-testimonjanza tax-xhieda li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni, bl-ebda mod ma jagħtu x'jifhem li l-imputat kien taħt aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha ma setax iqis l-egħmil tiegħu, wisq inqas li kien f'dan l-istat minħabba xi provokazzjoni inġusta da parti ta' martu.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza in materja illi biex tiġi invokata l-iskużanti tal-provokazzjoni b'xi qies ta' suċċess, jeħtieġ li jiġi ppruvat f'kull każ illi l-att li jikkostitwixxi l-provokazzjoni kien inġust. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**, deċiża fl-10 ta' Settembru 2004 riteniet:

*"... dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."*

Fir-rigward, il-Prof. Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu jispjega illi d-difiża tal-provokazzjoni tkun f'lokha fejn jiġi pprovat illi "*... the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self-control, not whether it was sufficient to deprive of his self-control the particular person charged...*"[1] Għalhekk, il-kejl m'huwiex wieħed soġġettiv iżda oġġettiv: il-kejl tal-persuna ta' temperament ordinarju.

Huwa minnu li wara d-delitt, l-imputat kien emozzjonat u fi stat ta' eċitament[2] iżda ma jirriżultax li kien diġa' jinsab f'dan l-istat fil-ħin tal-kommissjoni tad-delitt. F'kull każ, hi mankanti b'mod assolut il-prova **mhux biss ta' aġitazzjoni tal-moħħ jew is-saħna tad-demm li ġiegħlitu jħebb għal martu isawwatha u jikkaġunalha l-offiżi**

[1] Notes on Criminal Law, Vol. II, page 262.
[2] Ara xhieda PC 2145 Graziella Camilleri.

**riżultanti ikkaġunat minn xi azzjoni provokatorja inġusta, iżda wkoll il-prova ta' xi azzjoni provokatorja nnifisha li saret fil-waqt tal-kommissjoni tad-delitt u jirrendi d-delitt skużabbli**. Dan qed jingħad għaliex l-ewwel element indispensabbli għat-tqanqil b'suċċess tal-iskużanti tal-provokazzjoni hu dak imsemmi fl-artikolu 235 li jipprovdi illi "*Ma jiswiex lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 227 u 230, meta ma jkunux saru* ***fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza****.*"[3]

Jekk skont id-difiża l-att provokatorju jikkonsisti fl-infedelta' tal-parti offiża u l-imputat kien irrabjat għaliex kien sar jaf, allegatament, li qed tiltaqa' ma' rġiel oħrajn, il-Qorti mkien fl-atti u fil-provi ma riskontrat xi prova li l-imputat kien għadu kif sar jaf b'din l-allegat infedelta' jew kien għadu kif kixef lil martu f'xi att ta' infedelta, la dak il-ħin tad-delitt u lanqas fil-ħinijiet ta' qabel. Fir-rigward tax-xewqa tal-parti offiża li tissepara, għalkemm hu minnu li l-imputat jidher li kien ħadha bi kbira, kien stqarr huwa stess fl-interrogazzjoni illi l-ittra legali fejn ġie mgħarraf li martu riedet tiftaħ proċeduri tas-separazzjoni personali, kien irċeviha madwar tliet ġimgħat qabel. Mhux hekk biss, talli huwa ppruvat mill-ġabra tax-xhieda illi meta daħal id-dar, l-imputat ma kienx mar mill-ewwel ifittex lil martu biex iħebb għaliha, iżda kien mar fil-kċina fejn beda jkisser l-affarijiet li kienu fil-fridge fil-prezenza tal-kunjati tiegħu u kien biss meta l-parti offiża niżlet biex tara għaliex kien qed jagħmel hekk, li qaċċat il-wajer bil-plakka minn mal-ħajt u tela' fuq fejn hemmhekk, beda jipprova jqajjem it-tifel tagħhom. Dan kollu mingħajr ebda ħjiel ta' prova ta' xi att provokatorju li seħħ fil-waqt tal-kommissjoni tad-delitt, wisq inqas xi att provokatorju inġust.

Hija wkoll il-fehma tal-Qorti illi f'kull każ, l-allegat infedelta' ta' martu u d-deċiżjoni tagħha li tissepara, ma setgħu qatt, fiċ-ċirkostanzi li joħorġu mill-provi proċesswali, anke jekk f'moħħ l-imputat kienu jikkostitwixxi provokazzjoni inġusta, iqanqlu fih sentiment vjolenti daqshekk estrem f'persuna ta' temperament ordinarju li jġiegħluh jaggredixxi lil martu b'diversi daqqiet ta' plakka bil-wajer u jikkaġunalha offiżi evidenti fuq diversi partijiett ta' ġisimha inkluż fuq wiċċha.

---

[3] Emfasi tal-Qorti.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Francis Buhagiar**[4], konfermata fuq appell[5] il-Qorti ċitat lil Jeremy Horder: '*Provocation and Responsibility*' (OUP, 1992, p. 120):-

"'*... notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability...* '"

Għalhekk, l-imputat ma jistax jinvoka b'suċċess id-difiza tal-provokazzjoni taħt il-paragrafu (ċ) tal-artikolu 227 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi imiss issa li jiġi stabbilit jekk l-offiżi subiti minn Josephine Abela b'riżultat tal-aggressjoni tal-imputat, humiex ta' natura gravi kif imfisser fl-artikolu 216 tal-Kap. 9 liema dispożizzjoni legali ġiet indikata espressament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju flimkien mal-aggravanti taħt l-artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9, jew inkella ta' natura ħafifa.

L-Avukat Ġenerali ma indikax is-subartikolu jew il-paragrafu jew paragrafi tal-artikolu 216 tal-Kap. 9 li fil-fehma tiegħu japplikaw għall-offiżi subiti mill-parti offiżi. Madanakollu, billi ma nġiebet ebda prova mill-Prosekuzzjoni illi l-offiżi (a) ġabu perikolu tal-ħajja, jew ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-parti offiża jew ta' difett permanenti f'parti tal-għamla ta' ġisimha jew inkella ta' marda permanenti tal-moħħ, (b) ikkaġunaw xi ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem jew (c) ikkauġanw marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, żammew lill-parti offiża milli

[4] Decided by the Criminal Court on the 5th November 2003.
[5] On the 24th September 2004 by the Court of Criminal Appeal (Sup.).

tmur għax-xogħol tagħha[6], iżda ġew riskontrati offiżi fuq il-wiċċ u s-swaba' tal-parti offiża, il-Qorti tqis illi dawn l-offiżi jistgħu possibbilment jirrientraw fit-tifsira taħt il-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, ċioe" offiża li "*ġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż."*

In kwantu għal "*mankament*" fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż, jinsab ritenut illi dan, b'mod ġenerali, jiġi riskontrat meta jkun hemm deterjorament tal-aspett tal-wiċċ, l-għonq jew f'waħda mill-idejn[7]. L-isfreġju mbagħad, diversament minn mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' u fl-armonija tal-lineamenti ta' dawn il-partijiet tal-ġisem tal-parti offiża. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[8] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Kollox jiddependi mill-entita` tal-ħsara: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu l-entita' tal-ħsara li tkun ġiet imġarrba.

Ġie ritenut ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[9]

[6] Mhux ippruvat lanqas li l-parti offiża kienet tqila.

[7] Ara **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, Appell Kriminali deċiż 12 ta' Settembru 1996.
[8] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.
[9] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-prinċipju ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[10] fejn intqal illi:-

*"... **għall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** ... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Mill-provi jirriżulta illi b'riżultat tas-swat li qalgħet bil-plakka u l-wajer, Josephine Abela kellha *black eye*, nefħa f'wiċċha, daqqiet ġo rasha u ħafna uġigħ skont kif xehdet hi stess u kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku rilaxxat minn Dr. Denise Said li eżaminatha iktar tard dak il-lejl stess, 24 ta' Frar 2022, ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta. Dr. Denise Said xehdet illi riskontrat tbenġil ta' madwar żewġ ċentimetri fin-nofs tal-moħħ, tbenġila oħra ta' sitt ċentimetri bi tliet ċentimentri fuq in-naħa tax-xellug tal-moħħ u ħmura estiża fuq il-ġwienaħ tal-ispallejn. Ġew riskontrati wkoll grif superfiċjali fuq iż-żaqq u d-driegħ tax-xellug li kien ukoll minfuħ u bil-ħmura, kif

[10] Deċiża fit-12 ta' Settembru 1996.

ukoll tbenġil u ħmura fuq l-irkobba tax-xellug u laċerazzjoni superfiċjali fit-tarf tas-suba' tan-nofs tal-id ix-xellugija. Ma kienx hemm ksur ta' għadam iżda billi l-feriti kienu fuq il-wiċċ, Dr. Denise Said ikkonfermat li hija klassifikathom bħala offiżi ta' natura gravi[11].

Għall-Qorti dawn il-feriti huma evidentement kompatibbli mad-diversi daqqiet li Josephine Abela xehdet li qalgħet f'partijiet differenti ta' ġisimha meta nlaqtet bid-daqqiet tal-plakka u l-wajer meta kienet mitfugħa fuq is-sufan u mbagħad fl-art. Il-feriti f'wiċċ il-parti offiża jidhru fir-ritratti li ttieħdu minn PS 2160 Nicolette Grech ġewwa t-Taqsima tal-Vjolenza Domestika fejn irċeviet ir-rapport ta' Josephine Abela fil-25 ta' Frar 2022[12].

Applikat l-insenjament riprodott qabel għall-fattispeċje tal-offiżi li ġarrbet il-parti offiża b'riżultat tad-daqqiet li qalgħet mingħand l-imputat bil-plakka bil-wajer f'wiċċha u f'idejha, il-Qorti ma taqbilx li huwa ppruvat sosdisfaċjentement li dawn jikkostitwixxi sfreġju għall-fini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Dan qed jingħad għaliex tbenġila, nefħa (mhux ġejja minn ksur jew frattura) jew grif superfiċjali fil-wiċċ, filwaqt li tassew jistgħu jkerrhu d-dehra tal-wiċċ għal ftit ġranet, m'humiex biżżejjed waħedhom biex jitqiesu bħala *disfigurement*. Fil-każ in diżamina ġie eskluż li kien hemm ksur, frattura jew spostament tal-għadam tal-idejn jew tal-wiċċ, jew fis-snien, u ma jirriżultax li l-vittma ġarrbet laċerazzjoni li fetħet il-ġilda tal-wiċċ, l-idejn jew l-għonq, jew l-għajnejn. Offiżi li, fil-fehma tal-Qorti, huma meħtieġa biex jiġi riskontrat tħassir tar-regolarita' tal-linjamenti tal-wiċċ (l-għonq) jew l-idejn, jew it-tikrih tad-dehra tal-wiċċ (l-għonq) jew l-idejn. Fin-nuqqas, id-dehra ta' tbenġila jew nefħa tal-ġilda tal-wiċċ u girfa superfiċjali fis-swaba', bħalma ġie riskontrat fil-każ in diżamina, ma jħassrux id-dehra tal-wiċċ għall-fini ta', u mhux biżżejjed biex jiġi riskontrat, sfreġju għall-fini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

[11] Ara xhieda ta' Dr. Denise Said, 28 ta' April 2022 u ċertifikat f'paġna 9 tal-atti proċesswali.

[12] Dok. SB8 sa Dok. SB 11, paġna 84 tal-atti proċesswali.

Għaldaqstant, l-offiżi subiti mill-parti offiża f'wiċċha u f'wieħed mis-suba' tal-idejn, billi ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi ravviżati fl-artikolu 216 tal-Kap. 9, huma ta' natura ħafifa a tenur tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9.

L-Avukat Ġenerali indika wkoll l-aggravanti tal-piena skont l-artikolu 222(1)(a) tal-Kap.9. Dan jipprovdi:

*Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir –*

*(a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h).*

Billi huwa ppruvat li l-vittma hija mart l-imputat u dan hu ammess minnu wkoll fl-istqarrija rilaxxata minnu, il-piena għar-reat taħt l-artikolu 216(1)(b) għandha tiġi miżjuda bi grad taħt l-artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi fuq sejbien ta' ħtija għall-ewwel imputazzjoni, l-imputat ma jistax ma jinstabx ħati wkoll għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 ċioe' illi fl-istess data u ħin, ħebb għal martu Josephine Abela biex jagħmel ħsara lilha. Madankollu, billi f'dan il-każ isib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza ta' reati u pieni għaliex bl-att li permezz tiegħu ħebb għal martu l-imputat kiser iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi, sejjer jingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi taħt l-artikolu 216(1) tal-Kap. 9.

Illi ġie mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, ċioe' li għamel inġurji jew thedded lill-mara tiegħu jew jekk kien ipprovokat, ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Ma jirriżulta minn imkien mill-atti u l-provi proċesswali li l-imputat għajjar lil martu jew heddidha b'xi mod u ħadd ma xehed dwar xi kliem ta' theddid jew inġurja li l-imputat seta' qal jew indirizzza lil martu matul l-aggressjoni, qabel jew wara. Għalhekk ma jistax jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena li għandha tiġi erogata fuq sejbien ta' ħtija għar-reati taħt l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 biż-żieda fil-piena taħt l-artikolu 222(1)(a) tal-istess Kap. 9, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi.

Qabel xejn il-gravita' tad-delitt kommess mill-imputat fejn sawwat lil martu sempliċement għaliex kien irrabjat għaliha u ħassu offiż li seta' kienet infidili lejh u riedet tissepara. Fil-fehma tal-Qorti, vjolenza bħal dik manifestata mill-imputat m'hijiex ġustifikabbli bl-ebda mod u għal ebda raġuni iżda jidher li l-imputat ma jridx jifhem li azzjonijiet tiegħu fil-konfront ta' martu huma ħażin u illegali. Kemm hu hekk, mal-Uffiċjal tal-Probation li ġiet maħtura biex issegwih taħt Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni, huwa esprima l-fehma li l-ħtija għal egħmilu hi biss ta' martu li kissret iż-żwieġ tagħhom, tant illi ma ħassx il-bżonn jattendi għas-sessjonijiet mal-Uffiċjal tal-Probation. L-imputat ma ħassx il-bżonn lanqas li jingħata xi xorta ta' għajnuna biex jibdel din l-attitudni u jindirizza l-element ta' rabja fil-konfront ta' martu, kif ġie riskontrat mill-istess Uffiċjal tal-Probation, kif ukoll xi weġġħat passati li kien jidher li kienu għadhom ma ġewx riżolti.

Inizzjalment, l-imputat kien irrifjuta wkoll is-servizz ta' psikoloġu b'xejn, iżda iktar tard, fil-21 ta' Novembru 2023, huwa aċċetta li jiġi riferut għand psikologu bħala parti mis-superviżjoni li kienet qed issir taħt il-kappa tal-Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni maħrug b'digriet tad-29 ta' Mejju 2023. Il-Qorti sejra tordna lill-imputat sabiex jieħu dan it-trattament psikoloġiku biex jiġi assigurat li jibdel l-attitudni tiegħu lejn il-vjolenza domestika u biex jiġi prevenut l-egħmil ta' reati oħrajn.

Il-Qorti ma tqisx li l-imputat wera rieda biżżejjed li jirriforma ruħu u li jaċċetta l-konsegwenzi ta' egħmilu. Iżda fl-istess waqt sejra twieżen ukoll il-fatt li l-fedina penali tiegħu hi waħda netta u kif ġie sottomess mid-difiża, is-sitwazzjoni bejn il-partijiet illum ikkalmat u ma kienx hemm inċidenti oħrajn.

Tirribadixxi illi aġir aggressiv u vjolenti bħal dik manifestata mill-imputat ma għandhiex post fis-soċjeta' u ma għandhiex tiġi tollerata u bla dubju jimmerita piena idonea li sservi ta' deterrent u twassal messaġġ ċar illi l-vjolenza fuq in-nisa kif ukoll kwalunkwe vjolenza f'unita' domestika hija deplorevoli u għandha tiġu kkundannata b'mod gravi.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għat-tielet imputazzjoni taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1), 222(1)(a) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil GEORGE ABELA ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tikkundannah disa' (9) xhur priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija fi żmien sentejn.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma ta' ħamest elef u ħamsa u għoxrin Euro u għaxar ċenteżmi (€525.10) rappreżentanti l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' wħud mill-esperti jew periti fil-proċeduri[13] u dan fi żmien sitt (6) xhur.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Josephine Abela għal żmien sena.**

---

[13] Dr. Martin Bajada – Dok. MB1.

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**